# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru VI**
**Illum, 18 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 102/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Adrian Montebello**
**Ephron Mercieca**
**Joseph Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Adrian Montebello, Ephron Mercieca u Joseph Dimech talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Dicembru, 1999 u fit-tlett xhur ta' qabel (**1**) kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; (**2**) bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' April, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Adrian Montebello, Ephron Mercieca u Joseph Dimech hatja skond l-ewwel imputazzjoni, izda sabithom mhux hatja skond it-tieni imputazzjoni, u qieghdet lil kull wiehed minnhom taht Ordni ta' *Probation* ghall-periodu ta' tnax-il xahar skond l-Artikolu 5 tal-Kap. 152;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fis-27 ta' April, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2000; ikkunsidrat:

1. L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu fis-sens illi l-ewwel qorti erroneament illiberat lill-appellati mill-akkuza ta' traffikar meta kkonkludiet li mill-provi prodotti setghu biss johorgu l-elementi tad-delitt ta' pussess hekk imsejjah "semplici" da parti ta' kull wiehed

mill-imputati, u mhux ukoll dak ta' traffikar. L-appellant jikkontendi li meta persuna tixtri d-droga u zzommha ghandha biex f'xi zmien wara taqsamha ma' haddiehor, dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv ta' dik il-persuna (cioe` ma jibqax pussess "semplici" izda jkun pussess bl-aggravanti li c-cirkustanzi juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur), u l-piena applikabbli hija dik kontemplata fis-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101. Meta l-kaz jaqa taht dan is-sub-paragrafu, il-piena karcerarja u ta' multa trid tinghata bilfors, almenu fil-minimu taghha (ara s-subartikolu (9) tal-imsemmi Artikolu 22). Jikkontendi wkoll l-appellant li jekk, imbghad, dak li jkun effettivament jaqsam id-droga li jkollu fil-pussess tieghu ma' haddiehor – fi kliem iehor ikun hemm dak li jissejjah "sharing" – allura jikkonfigura r-reat ta' traffikar.

2. Issa f'dana l-kaz ma hemmx dubbju li f'diversi okkazzjonijiet l-appellati kienu xtraw ftit raza tal-cannabis bejniethom; wiehed minnhom kien izomm il-*joint* ghandu biex wara jpejjpuh flimkien. Meta huma twaqqfu fit-18 ta' Dicembru, 1999 minn membri tal-Forzi Armati, il-*joint* kienet materjalment fil-pussess ta' Ephron Mercieca, izda dan kien certament intiz ghat-tlieta li huma. B'dana kollu, Ephron Mercieca (u, bhalu, iz-zewg appellati l-ohra) ma giex akkuzat mill-Pulizija b'pussess bl-aggravanti aktar 'l fuq imsemmija, izda b'pussess semplici; l-ewwel qorti ma setghetx, u anqas din il-Qorti ma tista', tiddikjarah hati ta' reat aktar gravi minn dak li bih gie imputat. La mid-diversi stqarrijiet maghmula lill-pulizija u anqas mid-deposizzjonijiet ta' l-appellati quddiem l-ewwel qorti ma jirrisulta li fit-18 ta' Dicembru, 1999 kien lehaq sar xi tipjip ta' dan il-*joint*.

3. Kwantu ghall-kwistjoni tax-*sharing* u, konsegwentement, traffikar (it-tieni imputazzjoni), huwa veru li qabel it-18 ta' Dicembru, 1999 kien hemm okkazzjonijiet meta kienu hekk pejjpu flimkien wara li, daqqa wiehed u daqqa l-iehor, kien jipproduci l-*joint* li jkunu precedentement xtraw bil-flus taghhom ilkoll. Ma hemmx dubbju, ghalhekk, li teknikament kien hemm ir-reat ta' traffikar. Sa hawnhekk l-Avukat Generali ghandu ragun. Pero` biex din il-Qorti tista' ssib lill-appellati hatja skond it-tieni imputazzjoni, irid jirrisultalha ppruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni li dawna l-okkazzjonijiet ta' traffikar sehhew jew fit-18 ta' Dicembru, 1999 jew fit-tlett xhur ta' qabel dik id-data. Kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni imputazzjoni huma marbuta ma gurnata partikolari (it-18 ta' Dicembru, 1999) u ma periodu specifiku (it-tlett xhur qabel dik id-data). Kif diga inghad, ma jirrisultax li fit-18 ta' Dicembru, 1999 kien lehaq sar tipjip. Minn ezami akkurat tad-diversi stqarrijiet tal-appellati (kif ukoll tad-deposizzjonijiet taghhom) ma jistax jinghad b'certezza li dawn l-okkazzjonijiet ta' tipjip sehhew proprju fil-periodu inkriminat u mhux qabel dana l-periodu. In fatti, min isemmi z-zmien ta' erba xhur (ara l-istqarrija ta' Montebello, fol. 14), min tmien xhur (Mercieca, fol. 16), u min ghaxar xhur

(Dimech, fol. 22) bhala li fih kien ilu jpejjep il-haxixa, minghajr, pero`, hadd ma jippreciza meta kien l-ahhar li pejjep biex b'hekk wiehed ikun jista' jghid b'certezza li r-reat ta' traffikar sehh fil-periodu ta' tlett xhur immedjatament precedenti t-18 ta' Dicembru, 1999. Kienet gustifikata, ghalhekk, l-ewwel qorti li ma ssibx lill-appellati hatja skond it-tieni imputazzjoni.

4. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur